



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.4.2007
KUMM(2007) 192 finali

2007/0066 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti
għall-agrikoltura u għall-foresterija**

(Verżjoni kkodifikata)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa għall-poplu, il-Kummissjoni tisħaq li tissimplifika u tiċċara il-liġi tal-Komunità sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli liċ-ċittadin komuni u b'hekk toffrilu aktar opportunitajiet u ċ-ċans li juża d-drittijiet speċifiċi li tagħtih.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi b'mod sostanzjali, jibqgħu imferxin bejn l-att oriġinali u atti segwenti li jemendaw l-oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka mdaqqsqa li tqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli preżenti.

Għalhekk hu essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tal-Komunità tkun ċara u trasparenti.

2. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunità huma ċari u jinftehm malajr.
3. Il-Konklużjonijiet tal-Preidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan², waqt li saħqu l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza għal-liġi applikabbli.

Il-kodifikazzjoni għandha sseħħ skond il-proċedura normali leġislattiva tal-Komunità.

Għalkemm l-ebda bidla sostanzjali ma tista ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu permezz ta' ftehim interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 li jistgħu jużaw proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni bikrija ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta hu li sseħħ il-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 78/933/KEE tas-17 ta' Ottubru 1978 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-installazzjoni ta' dwar u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija³. Id-Direttiva l-għdida tissupera lill-atti varji inkorporati fiha⁴; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu ta' l-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom bl-emendi formali biss kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

¹ COM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Magħmul skond il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-*Acquis Communautaire*, COM(2001) 645 finali.

⁴ Ara l-Anness III, Parti A għal din il-proposta.

5. Il-proposta tal-kodifikazzjoni tfasslet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminarja fl-ilsna kollha uffiċjali tad-Direttiva 78/933/KEE u ta' l-atti li jemendawha, magħmula mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri ġodda u qodma tidher fit-tabella misjuba fl-Anness IV tad-Direttiva kkodifikata.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti
għall-agrikoltura u għall-foresterija**

(test b'rilevanza ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ☒ 95 ☒ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

☒ Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita ☒ fl-Artikolu 251 tat-Trattat²

Billi:



- (1) Id-Direttiva 78/933/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 1978 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija³ ġiet emendata kemm –il darba⁴ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

¹ ĠU C [...], [...] p. [...].

² ĠU C [...], [...] p. [...].

³ ĠU L 325 20.11.1978, p. 16. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/26/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 65 7.3.2006, p. 22).

⁴ Ara l-Anness III, Parti A.

- (2) Id-Direttiva 78/933/KEE hija waħda mid-Direttivi separati li għandhom x'jaqsmu mas-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip KE prevista fid- Direttiva 74/150/KEE tal-Kunsill, kif mibdula bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/37/KE tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u li tirrevoka d-Direttiva 74/150/KEE⁵ u tistabilixxi preskrizzjonijiet tekniċi dwar id-disinn u l-konstruzzjoni ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija, rigward mezzji ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl. Dawn il-preskrizzjonijiet tekniċi huma dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip KE stabbilita fid-Direttiva 2003/37/KE għal kull tip ta' trattur. Għalhekk id-dispożizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2003/37/KE dwar tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi ta' dawn il-vetturi japplikaw għal din id-Direttiva.
- (3) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B,

↓ 78/933/KEE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. «Trattur għall-agrikoltura jew għall-foresterija» ifisser kwalunkwe vettura bil-mutur, li hija mgħammra bir-roti jew b'ċineg mingħajr tarf, li għandha ta' l-anqas żewġ fusien, li l-funzjoni prinċipali tagħha qiegħda fil-qawwa tal-ġbid u li hi ddisinjata b'mod speċjali biex tirmonka, timbotta, ġġorr jew biex tforni l-enerġija lil ċerti għodda, makkinarju jew karrijiet li huma maħsuba għall-użu agrikolu jew fil-foresterija. Tista' tkun mgħammra sabiex iġġorr tagħbija jew passiġġieri.

↓ 82/890KEE Art. 1(1) (adattat)
→₁ 97/54/KE Art. 1

2. Din id-Direttiva għandha tgħodd biss għal tratturi definiti fil-paragrafu 1 li jkunu ffittjati b'tajers pneumatici u li jkollhom veloċità massima skond id-disinn ta' bejn is-6 u l-→₁ 40 km/sieġha ←.

⁵ ĠU L 171 9.7.2003, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/96/KE tal-Kummissjoni. (ĠU L 363 20.12.2006, p. 81).

↓ 78/933/EEC (adattat)

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ☒ ta' trattur ☒ fuq raġunijiet relatati ma' l-installazzjoni ta' dawl jew mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl, kemm jekk mandatorji jew jekk mhux obbligatorji, elenkati minn 1.5.7 sa 1.5.2=1 ta' l-Anness I, jekk dawn ikunu installati skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta ☒ r-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, ☒ id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' kwalunkwe trattur, minħabba raġunijiet relatati ma' l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl, kemm jekk mandatorji jew jekk mhux obbligatorji, elenkati minn 1.5.7 sa 1.5.2=1 ta' l-Anness I, jekk dawn ikunu nstallati skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

↓ 78/933/KEE

Artikolu 4

Stat Membru li jkun ta approvazzjoni tat-tip tal-KE għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex ikun infurmat b'kull modifika li ssir lil xi waħda mill-partijiet jew lill-karatteristiċi li hemm referenza għalihom f'punt 1.1 tal-Anness I. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jistabbilixxu jekk ikunx hemm bżonn li jsiru kontrolli addizzjonali fuq it-tip ta' trattur modifikat, u li jinkiteb rapport mill-ġdid. Fejn kontrolli bħal dawn juru nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-modifiki m'għandhomx jiġu approvati.

↓ 78/933/KEE (adattat)

Artikolu 5

Kull emenda meħtieġa għall-kondizzjonijiet ta' l-Annessi ☒ I u II ☒ sabiex jitqies il-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ☒ prevista ☒ fl-Artikolu ☒ 20(2) ☒ tad-Direttiva ☒ 2003/37/KE ☒.

↓ 78/933/KEE Art. 7 (adattat)

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet  prinċipali  tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.



Artikolu 7

Id-Direttiva 78/933/KEE, kif emendata mid-Direttivi mniżżla fl-Anness III, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehimu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 8

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn [...].

↓ 78/933/KEE Art. 8

Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

ANNESS I

INSTALLAZZJONI TA' DAWL U MEZZI TA' SINJALIZZAZZJONI BID-DAWL

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. Tip ta' trattur f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl

«Tip ta' trattur f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl» ifisser tratturi li m'humix differenti f'aspetti essenzjali bħal:

- 1.1.1. il-qisien u l-forma esterna tat-trattur;
- 1.1.2. in-numru u l-pożizzjoni ta' l-istrumenti.

Dawn li ġejjin huwa wkoll ikkunsidrati bħala tratturi li m'humix ta' tip differenti: tratturi li huma differenti skond it-tifsira ta' 1.1.1 u 1.1.2 hawn fuq, imma mhux b'mod li jinvolvu bidla fit-tip, in-numru, il-pożizzjoni u l-viżibilità ġeometrika tal-lampi preskritti għat-tip ta' trattur in kwistjoni, u tratturi li fuqhom hemm jew m'hemmx lampi mhux obligatorji.

1.2. Pjan trasversali

«Pjan trasversali» ifisser pjan vertikali perpendikolari mal-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur.

1.3. Trattur mhux mgħobbi

«Trattur mhux mgħobbi» ifisser it-trattur fi stat tajjeb ta' tħaddim, kif definit f'2.4 ta' l-Anness I, «mudell tad-dokument ta' informazzjoni» għad-Direttiva [2003/37/KE](#).

1.4. Trattur mgħobbi

«Trattur mgħobbi» ifisser it-trattur mgħobbi sal-piż massimu teknikament permissibli, kif iddikjarat mill-manifattur. Il-manifattur għandu wkoll jiffissa d-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn iż-żewġ fusien.

1.5. Lampa

«Lampa» tfisser mezz iddisinjat biex jixgħel it-triq (bozza tad-dawl ta' quddiem) jew biex jitfa' sinjal bid-dawl. Il-lampi tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara u r-rifletturi għandhom jitqiesu bl-istess mod bħala lampi.

1.5.1. Lampi ekwivalenti

«Lampi ekwivalenti» jfisser lampi li għandhom l-istess funzjoni u li huma awtorizzati fil-pajjiż fejn huwa rreġistrat it-trattur; dawn il-lampi jista' jkollhom karatteristiċi differenti minn ta' daww li huma installati fuq it-trattur meta dan jiġi approvat, bil-kondizzjoni li huma jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dan l-Anness.

1.5.2. Lampi indipendenti

«Lampi indipendenti» jfisser lampi li għandhom lentijiet separati, sorsi ta' daww separati u strutturi separati tal-lampi.

1.5.3. Lampi ggruppati

«Lampi ggruppati» ifisser lampi li għandhom lentijiet separati u sorsi ta' daww separati imma struttura komuni tal-lampa.

1.5.4. Lampi magħqudin

«Lampi magħqudin» ifisser stumenti li għandhom lentijiet separati imma sors ta' daww komuni u struttura komuni tal-lampa.

1.5.5. Lampi inkorporati reċiprokament

«Lampi inkorporati reċiprokament» ifisser strumenti li għandhom sorsi ta' daww separati (jew sors wieħed ta' daww li topera taħt kondizzjonijiet differenti), lentijiet totalment jew parzjalment komuni u struttura komuni tal-lampa.

1.5.6. Lampa ta' illuminazzjoni li tista' tinħeba

«Lampa ta' illuminazzjoni li tista' tinħeba» ifisser lampa ta' quddiem li tista' tinħeba parzjalment jew kompletament meta ma tkunx qed tintuża. Dan ir-riżultat jista' jinkiseb permezz ta' kopertura li tista' titneħħa, jew bi spostament tal-bozza ta' quddiem jew b'kull mezz adegwat ieħor. It-terminu «li jista' jinġibed 'il ġewwa» huwa użat b'mod partikolari biex jiddiskrivi lampa li tista' tinħeba, li l-ispostament tagħha jippermetti li din tiġi mdaħħla fl-istruttura tal-vettura.

1.5.6.1. Lampa ta' pożizzjoni varjabbli

«Lampa ta' pożizzjoni varjabbli» ifisser lampi installati fuq it-trattur li jistgħu jiċċaqilqu b'relazzjoni mat-trattur u li l-lentijiet tagħhom ma jistgħux jinħbew.

1.5.7. Lampa ta' quddiem bir-raġġ prinċipali

«Lampa ta' quddiem bir-raġġ prinċipali» tfisser il-lampa użata biex tixgħel it-triq fuq distanza twila 'l quddiem tat-trattur.

1.5.8. Lampa ta' quddiem bir-raġġ iħares 'l isfel

«Lampa ta' quddiem bir-raġġ iħares 'l isfel» ifisser il-lampa użata biex tixgħel it-triq ta' quddiem tat-trattur mingħajr ma tikkawża tgħammix eżaġerat jew skumdità

għas-sewwieqa li jkunu ġejjin min-naħa l-oħra u għan-nies l-oħra li jkunu qed jużaw it-triq.

1.5.9. Lampa taċ-ċpar ta' quddiem

«Lampa taċ-ċpar ta' quddiem» ifisser il-lampa użata biex jittejjeb id-dawl fit-triq fil-każ ta' ċpar, silġ, maltempata b'xita qalila jew sħab tat-trab.

1.5.10. Lampa li turi li l-karrozza se tirriversja

«Lampa li turi li l-karrozza se treġġa' lura» ifisser lampa użata biex tixgħel it-triq fuq wara tat-trattur u biex tavża lil min ikun qed juża t-triq li t-trattur se tirriversja.

1.5.11. Lampa li tindika d-direzzjoni

«Lampa li tindika d-direzzjoni» ifisser il-lampa użata biex tindika lil min ikun qed juża t-triq, li s-sewwieq bi ħsiebu jbidel id-direzzjoni lejn il-lemin jew lejn ix-xellug.

1.5.12. Sinjal li javża li hemm periklu

«Sinjal li javża li hemm periklu» jfisser l-istrument li jippermetti li l-lampi kollha tat-trattur li jindikaw id-direzzjoni jaħdmu flimkien biex jiġbdu l-attenzjoni lejn il-fatt li t-trattur huwa temporanjament ta' periklu għal min ikun qed juża t-triq.

1.5.13. Lampa ta' waqfien

«Lampa ta' waqfien» ifisser il-lampa użata biex tindika lil kull min ikun qed juża t-triq fuq wara tat-trattur illi s-sewwieq ta' dan ta' l-aħħar qed juża l-brejkijiet.

1.5.14. Lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara

«Lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara» ifisser l-istrument użat biex jixgħel l-ispazju maħsub biex jakkomoda l-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara; dan jista' jikkonsisti f'elementi ottiċi differenti.

1.5.15. Lampa ta' quddiem (tal-ġenb)

«Lampa ta' quddiem (tal-ġenb)» ifisser il-lampa użata biex tindika l-preżenza u l-wisa' tat-trattur meta wieħed iħares lejn it-trattur minn quddiem.

1.5.16. Lampa ta' wara (tal-ġenb)

«Lampa ta' wara (tal-ġenb)» ifisser il-lampa użata biex tindika l-preżenza u l-wisa' tat-trattur meta wieħed iħares lejn it-trattur minn wara.

1.5.17. Lampa taċ-ċpar ta' wara

«Lampa taċ-ċpar ta' wara» ifisser il-lampa użata biex tagħmel it-trattur viżibbli aktar malajr min-naħa ta' wara fi ċpar oħxon.

1.5.18. *Lampa tal-parkeġġ*

«Lampa tal-parkeġġ» ifisser il-lampa użata biex wieħed jiġbed l-attenzjoni ta' dak li jkun bil-presenza ta' trattur wieqaf, mingħajr karrju, f'żona tal-bini. F'ċirkostanzi bħal dawn, din tiegħu post il-lampi ta' quddiem u ta' wara (tal-ġenb).

1.5.19. *Lampa li tindika it-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur*

«Lampa li tindika t-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur» ifisser il-lampi mwaħħla mat-trufijiet ta' barra l-akbar imbiegħda, l-aktar qrib possibbli tas-saqaf tat-trattur u li huma maħsuba biex jindikaw il-wisa' ġenerali tat-trattur. F'uħud mit-tratturi, dan is-sinjal huwa maħsub biex jikkumplementa l-lampi ta' quddiem u ta' wara (tal-ġenb) tat-trattur billi jiġbed attenzjoni partikulari fuq il-kobor tiegħu.

1.5.20. *Riflettur bir-rifless*

«Riflettur bir-rifless» ifisser l-istrument użat biex jindika l-presenza ta' trattur bir-rifless ta' dawl li joħroġ minn sors ta' dawl li mhux ikkonnettjat mat-trattur, fejn l-osservatur ikun qrib tas-sors.

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva dawn li ġejjin mhumex meqjusa bħala rifletturi bir-rifless:

- pjanċi tan-numri li jirriflettu lura,
- pjanċi oħrajn u sinjali oħrajn li jirriflettu lura li għandhom jintużaw sabiex ikunu konformi mal-kondizzjonijiet ta' użu ta' l-Istat Membru, fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' vetturi jew ta' ċerti metodi ta' tħaddim.

1.5.21. *Lampa tax-xogħol*

«Lampa tax-xogħol» ifisser strument li jixgħel żona fejn ikun qiegħed isir xi xogħol jew proċess ta' xogħol.

1.6. **Wiċċ ta' illuminazzjoni ta' lampa**

1.6.1. *Wiċċ ta' illuminazzjoni ta' strument għall-mixegħla*

«Wiċċ ta' illuminazzjoni ta' strument ta' mixegħla» (1.5.7 sa 1.5.10) ifisser il-projezzjoni ortogonali ta' l-apertura sħiħa ta' riflettur fi pjan trasversali. Jekk il-ħġieġa (jew ħġiġiet) tal-lampa testendi (jestendu) fuq parti biss ta' l-apertura sħiħa tar-riflettur, allura, għandha tiġi kkunsidrata biss il-projezzjoni ta' dik il-parti. Fil-każ ta' lampa ta' quddiem li titfa' r-raġġ 'l isfel, il-wiċċ ta' illuminazzjoni huwa l-limitat fuq in-naħa tal-qtugħ bil-projezzjoni apparenti tal-linja tal-qtugħ għal fuq il-lenti. Jekk ir-riflettur u l-ħġieġa jkunu jistgħu jiġu aġġustati, għandu jintuża l-aġġustament tan-nofs.

1.6.2. *Wiċċ ta' illuminazzjoni ta' lampa, li ma jkunx ir-riflettur, li tagħmel sinjali*

«Wiċċ ta' illuminazzjoni ta' lampa, li mhix ir-riflettur, li tagħmel sinjali» (1.5.11 sa 1.5.19) ifisser il-projezzjoni ortogonali tal-lampa fi pjan perpendikulari mal-fus tagħha ta' referenza u f'kuntatt mal-wiċċ estern li jagħti d-dawl tal-lampa,

b'din il-projezzjoni tkun illimitata bit-trufijiet ta' skrijns imqegħda fuq dan il-pjan, li kull wieħed minnhom iħalli biss 98 % ta' l-intensità tal-luminożità totali tad-dawl tippersisti fid-direzzjoni tal-fus ta' referenza. Biex jiġu stabbiliti l-inqas, l-ogħla u l-limiti laterali tal-wiċċ ta' illuminazzjoni, għandhom jintużaw biss skrijns li għandhom trufijiet orizzontali jew vertikali.

1.6.3. *Wiċċ ta' illuminazzjoni ta' riflettur*

«Il-wiċċ ta' illuminazzjoni ta' riflettur» (1.5.20) ifisser il-projezzjoni ortogonali tal-wiċċ li tirrifletti tar-riflettur fi pjan perpendikulari mal-fus tagħha ta' referenza u marbut permezz ta' pjanijiet li jmissu t-trufijiet ta' barra tal-wiċċ ta' projezzjoni ta' dawl tar-riflettur u parallel ma' dan il-fus. Biex jiġu stabbiliti l-inqas, l-ogħla u l-limiti laterali tal-wiċċ ta' illuminazzjoni, għandhom jintużaw biss pjanijiet vertikali u orizzontali.

1.6.4. *Uċuh esterni li jarmu d-dawl*

«Uċuh esterni li jarmu d-dawl» għal direzzjoni definita ta' osservazzjoni, ifisser il-projezzjoni ortogonali ta' wiċċ li jarmi d-dawl fi pjan perpendikulari mad-direzzjoni ta' osservazzjoni (ara disinn fl-Appendiċi 1).

1.7. **Fus ta' referenza**

«Fus ta' referenza» ifisser il-fus karatteristiku tas-sinjal ta' dawl, stabbilit mill-manifattur tal-lampa għall-użu bħala direzzjoni ta' referenza ($H = 0^\circ$, $V = 0^\circ$) għall-qisien fotometriċi u għal meta titwaw il-lampa fuq it-trattur.

1.8. **Ċentru ta' referenza**

«Ċentru ta' referenza» jfisser l-intersezzjoni tal-fus ta' referenza mal-wiċċ estern li jarmi d-dawl, speċifikat mill-manifattur tal-lampa.

1.9. **Angoli ta' viżibilità ġeometrika**

«Angoli ta' viżibilità ġeometrika» tfisser l-angoli li jiddeterminaw il-kamp ta' l-angolu solidu Ω minimu $\Omega_{\min}$ fejn il-wiċċ li jarmi d-dawl esterjuri għandu jkun viżibbli. Dak il-kamp ta' l-angolu solidu huwa determinat bis-segmenti ta' sfera li ċ-ċentru tagħha jikkoinċidi maċ-ċentru ta' referenza tal-lampa u l-ekwatur huwa parallel ma' l-art. Dawn is-segmenti huma determinati f'relazzjoni ma' l-assi ta' referenza. L-angoli orizzontali β jikkorrespondu ma' l-angoli lonġitudinali u vertikali α tal-latitudini. M'għandux ikun hemm ostakolu fuq ġewwa ta' l-angoli ta' viżibilità għall-propagazzjoni tad-dawl minn kull parti tal-wiċċ li jarmi d-dawl esterjuri tal-lampa.

Dan m'għandux japplika għal xi ostakli eżistenti fil-mument meta l-lampa hija approvata jekk ikun hemm bżonn ta' approvazzjoni.

1.10. **Tarf l-iktar 'l barra**

«Tarf l-iktar 'l barra» fuq kull naħa tat-trattur ifisser il-pjan parallel mal-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur u li jikkoinċidi mat-tarf laterali ta' barra, mingħajr ma jingħata każ tal-projezzjoni:

- 1.10.1. tat-tajers ħdejn il-punt tal-kuntatt tagħhom ma' l-art u l-konnessjonijiet ta' l-istrumenti li jkejju l-pressjoni tat-tajers;
- 1.10.2. ta' xi mekkaniżmi kontra ż-żliq li jistgħu jintramaw fuq ir-roti;
- 1.10.3. tal-mirja ta' viżjoni anterjuri;
- 1.10.4. tal-lampi tal-ġenb li jindikaw id-direzzjoni, tal-lampi li jindikaw it-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur, tal-lampi ta' quddiem u ta' wara (tal-ġenb) u tal-lampi tal-parkeġġ,
- 1.10.5. ta' siġilli tad-dwana mwaħħla mat-trattur u ta' mekkaniżmi li jwaħħlu fis-sod u jipproteġu dawn is-siġilli.

1.11. Wisa' ġenerali

«Wisa' ġenerali» ifisser id-distanza ta' bejn iż-żewġ pjanijiet vertikali definiti f'1.10 hawn fuq.

1.12. Lampa waħda

«Lampa waħda» ifisser kull tagħqid ta' żewġ lampi jew aktar, kemm jekk dawn ikunu identiċi jew ma jkunux, li jkollhom l-istess funzjoni u kulur, jekk dan jinkludi xi mekkaniżmi, li l-projezzjoni ta' l-uċuh tagħhom aggregati li jarmu d-dawl, fi pjan trasversali partikolari, tokkupa 60 % jew aktar taż-żona ta' l-iżgħar rettangolu li jiċċirkoskrivi l-projezzjonijiet ta' l-uċuh li jarmu d-dawl tal-lampi msemmija qabel, sakemm tagħqid bħal dan, fejn ikun hemm bżonn approvazzjoni, jkun approvat bħala lampa waħda.

Dan it-tagħqid possibbli ma japplikax għal-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali, għall-lampi ta' quddiem bir-raġġ jarmi l-isfel u għall-lampi ta' quddiem taċ-ċpar.

1.13. Żewġ lampi jew numru biż-żewġ ta' lampi

«Żewġ lampi» jew «numru biż-żewġ ta' lampi» ifisser wiċċ wieħed li jarmi d-dawl fil-forma ta' strixxa, jekk din tkun imqegħda b'mod simetrik f'relazzjoni mal-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur u testendi fuq iż-żewġ naħat sa mhux inqas minn 400mm mit-tarf ta' barra l-aktar 'il bogħod tat-trattur, u li ma tkunx inqas minn 800mm twila. L-illuminazzjoni ta' wiċċ bħal dak għandu jiġi pprovdut minn mhux inqas minn żewġ sorsi ta' dawl imqegħda l-aktar qrib possibbli tat-trufijiet tagħha. Il-wiċċ li jarmi d-dawl jista' jkun magħmul minn numru ta' elementi mqiegħda wieħed ħdejn l-ieħor, sakemm il-projezzjonijiet tad-diversi wċuh individwali li jarmu d-dawl fl-istess pjan trasversali ma jokkupawx inqas minn 60 % taż-żona ta' l-iżgħar rettangolu li jiċċirkoskrivi l-projezzjonijiet ta' dawn l-uċuh individwali li jarmu d-dawl.

1.14. Distanza bejn żewġ lampi

«Distanza ta' bejn żewġ lampi» li jħarsu lejn l-istess direzzjoni, ifisser id-distanza ta' bejn il-projezzjonijiet ortogonali fi pjan perpendikulari mad-direzzjoni fil-kwistjoni tax-xfar ta' l-għamla taż-żewġ uċuh ta' illuminazzjoni kif definita skond il-każ imsemmi f'1.6.

1.15. Lampa mhux obligatorja

«Lampa mhux obligatorja» ifisser lampa li l-presenza tagħha hija merħija għad-diskrezzjoni tal-manifattur.

1.16. Ċirkostanzi ta' tħaddim

«Ċirkostanzi ta' tħaddim» ifisser ċirkostanzi li juru jekk mekkaniżmu jkun ġie mqabba hux qed jaħdem b'mod korrett jew le.

1.17. Ċirkostanzi ta' ċirkwit magħluq

«Ċirkostanzi ta' ċirkwit magħluq» ifisser ċirkostanzi li juru li mekkaniżmu ġie mixgħul, imma li ma jurix jekk hux qed jaħdem b'mod korrett jew le.

2. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP ☒ TAL-KE ☒

2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' trattur f'dak li għandu x'jaqşam ma' l-installazzjoni ta' dawl tiegħu u mezz ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl, għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tat-trattur jew mir-rappreżentant tiegħu.

↓ 78/933/KEE
→₁ 1999/56/KE Art. 1 u Anness, pt. 1(b)

2.2. Magħha għandu jkun hemm id-dokumenti li ġejjin, fi tliet kopji, u d-dettalji li ġejjin:

2.2.1 deskrizzjoni tat-tip ta' trattur f'dak li għandu x'jaqşam mad-dettalji li hemm referenza għalihom f'1.1;

2.2.2. lista ta' strumenti preskritti mill-manifattur għall-immuntar tad-dawl u tas-sinjali bid-dawl. Il-lista tista' tinkludi diversi tipi ta' mekkaniżmi għal kull operazzjoni. Kull tip għandu jiġi identifikat kif xieraq (per eżempju, marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent, isem u indirizz tal-manifattur, eċċ). Il-lista tista' tinkludi wkoll id-dettalji addizzjonali li ġejjin, fir-rigward ta' kull operazzjoni: «jew mekkaniżmi ekwivalenti»;

2.2.3. disinn li juri l-arranġament tad-dawl u tat-tagħmir li jagħmel sinjali bid-dawl kollha kemm huma, fejn tidher il-pożizzjoni tal-lampi diversi tat-trattur;

2.2.4. disinn(ji) li juri(u) l-arranġament għal kull lampa individwali li juru l-uċuh ta' illuminazzjoni kif definit f'1.6.

2.3. Għandu jiġi ppreżentat trattur mhux mgħobbi, mgħammar bid-dawl u bit-tagħmir li jagħmel sinjali bid-dawl kif deskritt f'2.2.2 u li hu rappreżentattiv tat-tip ta' trattur li għandu jiġi approvat, lill-awtorità teknika li tkun qed tagħmel il-verifiki ta' l-approvazzjoni.

2.4. Il-dokument previst fl-Anness II għandu jiġi meħmuż mad-dokument ta' l-approvazzjoni tat-tip.

3. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

- 3.1 Id-dwal u l-mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl għandhom jkunu mwaħħla b'tali mod li, taħt kondizzjonijiet normali ta' użu u minkejja li jistgħu jkunu suġġetti għal xi vibrazzjonijiet, iżommu l-karatteristiċi preskritti f'dan l-Anness u jippermettu li t-trattur ikun konformi mal-kondizzjonijiet ta' dan l-Anness. B'mod partikolari, m'għandux ikun possibbli li l-aġġustament tal-lampi jiġi interrott bi żball.
- 3.1.1. It-tratturi għandhom jkunu mġammra b'konnetturi elettriċi li jippermettu li tintuża sistema li tista' tinqala' ta' senjalazzjoni bid-dawl. B'mod partikolari, it-tratturi għandu jitwahhlihomm żbokk ta' sokit li huwa kkonnettat b'mod permanenti, rrakomandat fl-istandard ISO R 1724 (Konnessjonijiet elettriċi għal vetturi b'sistemi elettriċi ta' 6 jew 12-il volt li japplikaw b'mod aktar speċifiku għall-vetturi privati u karrijiet ħfief jew karavani) (l-ewwel edizzjoni, April 1970) jew ISO R 1185 (Konnessjonijiet elettriċi bejn vetturi ta' l-irmonk jew irmunkati li għandhom sistemi elettriċi ta' 24 volt użati għall-għanijiet ta' trasport kummerċjali internazzjonali) (l-ewwel edizzjoni, Marzu 1970). Fil-każ ta' l-istandard ISO R 1185, il-funzjoni tal-kuntatt 2 għandha tiġi limitata għal-lampa ta' wara (tal-ġenb) u għal-lampa li tindika it-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur fuq in-naħa tax-xellug.
- 3.2. Il-lampi lluminanti deskritti f'1.5.7, 1.5.8 u 1.5.9 għandhom jitwaħħlu b'tali mod li l-issettjar korrett ta' l-allinjament tagħhom ikun jista' jsir faċilment.
- 3.3. Għall-istrumenti kollha li jagħmlu sinjali bid-dawl, il-fus ta' referenza tal-lampa, meta dan ikun imwaħħal mat-trattur, għandu jkun parallel mal-pjan tal-pożizzjoni tat-trattur fuq it-triq u mal-pjan lonġitudinali tat-trattur. F'kull direzzjoni għandha titħalla tolleranza ta' $\pm 3^\circ$. Barra minn hekk, xi struzzjonijiet speċifiċi fir-rigward tat-tagħmir, li huma preskritti mill-manifattur għandhom jiġu mħarsa.
- 3.4. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet speċifiċi, l-ġholi u l-allinjament tal-lampi għandu jiġi vverifikat meta t-trattur ma jkunx mgħobbi, mpoġġi fuq wiċċ ċatt, orizzontali.
- 3.5. Fin-nuqqas ta' kondizzjonijiet speċifiċi, il-lampi li jikkostitwixxu par għandhom:
- 3.5.1. jitwaħħlu mat-trattur b'mod simetriku b'relazzjoni mal-pjan lonġitudinali medjan;
- 3.5.2. ikunu simetriċi waħda ma' l-oħra b'relazzjoni mal-pjan lonġitudinali medjan;
- 3.5.3. jissodisfaw l-istess karatteristiċi kolorimetriċi;
- 3.5.4. ikollhom karatteristiċi fotometriċi sostanzjalment identiċi.
- 3.6. Fuq tratturi li l-forma esterna tagħhom mhix simetrika, il-kondizzjonijiet ta' 3.5.1 u 3.5.2 għandhom kemm jista' jkun jiġu sodisfatti. Dawn il-kondizzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti jekk id-distanza taż-żewġ lampi mill-pjan lonġitudinali medjan u mill-pjan ta' pożizzjoni fuq l-art hija l-istess.
- 3.7. Lampi li għandhom funzjonijiet differenti jistgħu jkunu indipendenti jew mighbura flimkien, magħquda jew inkorporati reċiprokament f'mekkaniżmu wieħed, sakemm kull waħda mil-lampi tissodifa l-kondizzjonijiet li japplikaw għaliha.

- 3.8 L-għoli massimu mill-art għandu jiġi mkejje mill-punt l-aktar għoli u l-għoli minimu mill-punt l-aktar baxx tal-wieċ ta' illuminazzjoni.
- 3.9. Fin-nuqqas ta' kondizzjonijiet speċifiċi, l-ebda lampa barra mil-lampi li jindikaw id-direzzjoni u s-sinjal li javża li hemm periklu, ma jistgħu jarmu dawl li jintefa' u jixgħel malajr.
- 3.10. Fuq in-naħa ta' quddiem, m'għandu jkun viżibbli l-ebda dawl aħmar, u fuq in-naħa ta' wara, m'għandu jkun viżibbli l-ebda dawl abjad barra dak tal-lampi ta' l-irriverjar jew tal-lampi ta' xogħol.

Din il-ħtieġa tiġi konsiderata li tkun tħarset jekk:

- 3.10.1. għall-viżibilità ta' dawl aħmar lejn in-naħa ta' quddiem: jekk osservatur li qed jiċċaq laq fiż-żona 1 fi pjan trasversali li qiegħed 25m 'l quddiem tat-trattur, ma jkollu l-ebda viżibilità diretta ta' dawl aħmar (ara Appendiċi 2, Figura 1);
- 3.10.2. għall-viżibilità ta' dawl abjad fuq in-naħa ta' wara: jekk osservatur li qed jiċċaq laq fiż-żona 2 fi pjan trasversali li qiegħed 25m fuq wara tat-trattur ma jkollu l-ebda viżibilità diretta ta' dawl abjad (ara Appendiċi 2, Figura 2).
- 3.10.3. Iż-żona 1 u 2, kif jidhru minn osservatur, huma limitati fil-pjanijiet rispettivi tagħhom kif ġej:
- 3.10.3.1. għal dak li għandu x'jaqsam mat-tul, b'żewġ pjanijiet orizzontali li huma 1m u 2,2m rispettivament 'l fuq mill-art;
- 3.10.3.2. f'dak li għandu x'jaqsam mal-wisa', b'żewġ pjanijiet vertikali li jagħmlu angolu ta' 15° lejn in-naħa ta' quddiem u lejn in-naħa ta' wara rispettivament, u lejn in-naħa ta' barra b'referenza għall-pjan medjan tat-trattur, billi jgħaddu mill-punt (jew punti) ta' kuntatt ta' pjanijiet vertikali li huma paralleli mal-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur, u billi jillimitaw il-wisa' ġenerali tat-trattur meta jkunu fuq rotta wiesa'.

Jekk ikun hemm diversi punti ta' kuntatt, il-punt l-aktar 'il bogħod lejn in-naħa ta' quddiem għandu jintgħażel għaż-żona 1 u l-punt l-aktar 'il bogħod lejn in-naħa ta' wara għandu jintgħażel għaż-żona 2.

- 3.11. Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom ikunu tali li, l-lampi ta' quddiem u ta' wara (tal-ġenb), il-lampi li jindikaw it-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur, jekk dawn ikunu jeżistu, u l-lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara, jistgħu jinxtegħlu u jintfew simultanjament.
- 3.12. Il-konnessjonijiet elettriċi għandhom jkunu tali li, l-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali u tar-raġġ li jarmi l-isfel, u l-lampi taċ-ċpar ta' quddiem u ta' wara ma jkunux jistgħu jinxtegħlu sakemm il-lampi li hemm referenza għalihom f'3.11, ma jkunux mixgħula wkoll. Madankollu, din il-kondizzjoni m'għandhiex tapplika għal-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali u r-raġġ li jarmi 'l isfel meta t-twissijiet tagħhom bid-dawl, jikkonsistu f'li l-lampi ta' quddiem tar-raġġ li jarmi l-isfel jixgħelu b'mod intermittenti f'intervalli qosra, jew f'li l-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali jinxtegħlu b'mod intermittenti jew f'li l-lampi ta' quddiem tar-raġġ li jarmi l-isfel u r-raġġ prinċipali jixgħelu alternattivament f'intervalli qosra.

3.13. Il-kuluri tad-dawl mormi mil-lampi jew mir-rifletturi huwa kif ġej:

- lampa ta' quddiem tar-raġġ prinċipali; abjad,
- lampa ta' quddiem tar-raġġ li jarmi l-isfel: abjad,
- lampa taċ-ċpar ta' quddiem: abjad jew isfar,
- lampa li turi li l-karrozza se treġġa' lura: abjad,
- lampa li tindika d-direzzjoni: ambra,
- sinjal li javża li hemm periklu: ambra,
- lampa ta' waqfien: aħmar,
- lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara: abjad,
- lampa ta' quddiem (tal-ġenb): abjad,
- lampa ta' wara (tal-ġenb): aħmar,
- lampa taċ-ċpar ta' wara: aħmar,
- lampa tal-parkeġġ: abjad fuq quddiem, aħmar fuq wara, ambra jekk din hi inkorporata mal-lampi tal-ġenb li jindikaw id-direzzjoni,
- lampa tax-xogħol: ebda speċifikazzjonijiet,
- lampa li tindika it-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur: abjad fuq quddiem, aħmar fuq wara,
- riflettur bir-rifless ta' wara, li mhux trijangulari: aħmar.

3.14 Il-funzjoni taċ-ċirkostanzi taċ-ċirkwit magħluq tista' titwettag minn ċirkostanzi tat-tħaddim.

3.15. Lampi li jistgħu jinħbew

3.15.1. Il-ħabi ta' lampi m'għandux ikun permess, bl-eċċezzjoni tal-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali, il-lampi ta' quddiem tar-raġġ jarmi 'l isfel u l-lampi taċ-ċpar ta' quddiem, li jistgħu jinħbew meta ma jkunux qed jintużaw.

3.15.2. Mekkaniżmu lluminanti fil-pożizzjoni ta' l-użu għandu jibqa' f'dik il-pożizzjoni jekk il-ħsara fit-tħaddim imsemmija f'3.15.2.1 isseħħ jew weħida jew flimkien ma' waħda mill-ħsarat deskritti f'3.15.2.2.

3.15.2.1. In-nuqqas ta' enerġija biex titħaddem il-lampa.

3.15.2.2. Ksur, tfixkil, jew ċirkwitu qasir ma' l-ert fiċ-ċirkwit elettriku, difetti fil-wajers idrawliċi jew pnevmatiċi, Bowden kejbils, solenoidi jew komponenti oħra li jikkontrollaw jew jittrasmettu l-enerġija li hi intenzjonata biex tħaddem l-istrument ta' ħabi.

- 3.15.3. Fil-każ ta' difett fil-kontroll tal-ħabi, mekkaniżmu ta' dawl moħbi, għandu jkun jista' jiġi mċaqlaq fil-pożizzjoni ta' użu mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' għodda.
- 3.15.4. Għandu jkun possibbli li wieħed iċaqlaq il-mekkaniżmi lluminanti fil-pożizzjoni ta' użu u li jixgħelhom permezz ta' kontroll wieħed, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibilità li wieħed ikun jista' jċaqlaqhom fil-pożizzjoni ta' użu mingħajr ma jixgħelhom. Madankollu, fil-każ ta' lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali u tar-raġġ li jarmi l-isfel miġbura flimkien, il-kontroll imsemmi hawn fuq huwa meħtieġ biss biex jiġu attivati il-lampi ta' quddiem bir-raġġ li jarmi 'l isfel.
- 3.15.5. M'għandux ikun possibbli deliberatament, li mis-sedil tas-sewwieq, jitwaqqaf il-moviment tal-lampi ta' quddiem li ġew mixgħula, sakemm dawn jilħqu l-pożizzjoni ta' l-użu. Jekk ikun hemm periklu ta' tgħammix bil-moviment tal-lampi ta' quddiem għal kull min ikun qed juża t-triq, dawn jistgħu jinxtegħlu biss meta jkun l-ahqu l-pożizzjoni finali tagħhom.
- 3.15.6. F'temperaturi ta' bejn -30° u $+50^{\circ}$, mekkaniżmu illuminanti għandu jkun kapaċi jilħaq il-pożizzjoni li fiha jkun kompletament miftuħ fi żmien tliet sekondi mit-tħaddim inizzjali tal-kontroll.

3.16. Lampi ta' pożizzjoni varjabbli

- 3.16.1. Fil-każ ta' tratturi li għandhom wisa' ta' bejn iż-żewġ roti ta' 1 150mm jew inqas, il-pożizzjoni tal-lampi li jindikaw id-direzzjoni, tal-lampi ta' quddiem u ta' wara (tal-ġenb) u l-lampi ta' waqfien tista' tvarja, sakemm:
- 3.16.1.1. dawn il-lampi jibqgħu viżibbli anki meta tiġi mmodifikata l-pożizzjoni tagħhom;
- 3.16.1.2. dawn il-lampi jistgħu jiġu maqfula fil-pożizzjoni mitluba mill-kondizzjonijiet tat-traffiku. Il-qfil għandu jkun awtomatiku.

4. SPEĊIFIKAZZJONIJIET INDIVIDWALI

4.1. Lampa ta' quddiem tar-raġġ prinċipali

4.1.1. Presenza

Mhux obbligatorja.

4.1.2. Numru

Tnejn jew erbgħa.

4.1.3. Arranġament

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.1.4. Pożizzjoni

4.1.4.1. Wisa’:

It-trufijiet ta’ barra tal-wiċċ ta’ luminazzjoni ma għandhom fl-ebda każ ikunu eqreb tat-tarf l-aktar ‘il barra tat-trattur mit-trufijiet ta’ barra tal-wiċċ ta’ illuminazzjoni tal-lampi ta’ quddiem bir-raġġ li jarmi ‘l isfel.

4.1.4.2. Għoli:

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.1.4.3. Tul:

L-aktar qrib tan-naħa ta’ quddiem tat-trattur possibbli; madankollu, id-dawl mormi m’għandux, fl-ebda ċirkustanza, jikkawża skumdità lis-sewwieq, kemm direttament, jew indirettament mill-mirja ta’ viżjoni anterjuri u/jew uċuh li jirriflettu tat-trattur.

4.1.5. Viżibilità ġeometrika

Il-viżibilità tal-wiċċ ta’ illuminazzjoni, li tinkludi l-viżibilità tiegħu f’żoni li ma jidhrux li huma mixgħula fid-direzzjoni ta’ osservazzjoni kkunsidrata, għandha tiġi assicurata fi spazju diverġenti definit mil-linji produttivi bbażati fuq il-perimetru tal-wiċċ ta’ illuminazzjoni u li jiffurmaw angolu ta’ mhux inqas minn 5° mal-fusien ta’ referenza tal-lampa ta’ quddiem.

4.1.6. Allinjament

Lejn in-naħa ta’ quddiem

Barra mill-mekkaniżmi meħtieġa biex jinżamm aġġustament korrett, u fejn ikun hemm żewġ pari ta’ lampi ta’ quddiem tar-raġġ prinċipali, par minnhom, li jikkonsisti f’lampi ta’ quddiem b’raġġ prinċipali biss, jista’ jiddawwar, skond l-angolu tal-qofol ta’ l-istering, madwar fus qrib ħafna tal-vertikal.

4.1.7. Jistgħu «jinġabru fi grupp»

mal-lampi ta’ quddiem bir-raġġ jarmi ‘l isfel u mal-lampi ta’ quddiem l-oħra.

4.1.8. Ma jistgħux «jingħaqdu»

ma’ kwalunkwe lampa oħra.

4.1.9. Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»

4.1.9.1. ma’ lampa ta’ quddiem bir-raġġ jarmi l-isfel, sakemm il-lampa ta’ quddiem tar-raġġ prinċipali tista’ tiddawwar skond l-angolu tal-qofol ta’ l-istering;

4.1.9.2. mal-lampa ta’ quddiem (tal-ġenb);

4.1.9.3. mal-lampa taċ-ċpar ta’ quddiem;

4.1.9.4. mal-lampa tal-parkeġġ.

4.1.10. Konnessjonijiet elettriċi

4.1.10.1. Il-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali jistgħu jiġu mixgħula jew simultanjament jew f'pari. Biex ikun hemm bidla minn raġġ jarmi 'l isfel għal raġġ prinċipali, ta' l-anqas par wieħed ta' raġġi prinċipali għandu ikun mixgħul. Biex ikun hemm bidla minn raġġ prinċipali għal raġġ jarmi 'l isfel, il-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali kollha għandhom jintfew simultanjament.

4.1.10.2. Ir-raġġi li jarmu 'l isfel jistgħu jibqgħu mixgħula fl-istess ħin mar-raġġi prinċipali.

4.1.11. Ċirkostanza ta' ċirkwit magħluq

Mandatorju

4.1.12. Ħtiġiet oħra

4.1.12.1. L-intensità massima globali tar-raġġi prinċipali li jistgħu jinxtegħlu simultanjament ma għandhiex taqbeż 225 000 cd.

4.1.12.2. Din l-intensità massima għandha tinkiseb billi jingħaddu flimkien l-intensitajiet massimi individwali mkejila waqt l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent u li jidhru fuq iċ-ċertifikati rilevanti ta' l-approvazzjoni.

4.2. Lampa ta' quddiem bir-raġġ jarmi 'l isfel

4.2.1. Presenza

Mandatorju

4.2.2. Numru

Tnejn

4.2.3. Arranġament

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.2.4. Pożizzjoni

4.2.4.1. Wisa':

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.2.4.2. Għoli 'l fuq mill-art:

4.2.4.2.1. jekk żewġ lampi ta' quddiem bir-raġġ jarmi l-isfel biss huma mwaħħla:

- minimu ta' 500 mm,
- massimu ta' 1 200mm.

Din id-distanza tista' tiżdied sa 1 500 mm, jekk l-għoli ta' 1 200mm ma jkunx jista' jiġi osservat minħabba d-disinn, b'konsiderazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-użu tat-trattur u tat-tagħmir ta' tħaddim tiegħu;

4.2.4.2.2. ➔₁ fil-każ ta' tratturi mgħammra biex jitwaxxhal magħhom apparat li jista' jinġarr fuq quddiem, żewġ lampalampilampi *dipped-beam* b'żieda mal-lampalampilampi msemmija f'4.2.4.2.1 għandu jkun permess f'għoli li ma jeċċedix it-3 000 mm, jekk il-konnessjonijiet elettriċi jkunu tali li żewġ pari ta' lampalampilampi *dipped-beam* ma jistgħux jinxtegħlu fl-istess ħin. ⬅

4.2.4.3. Tul:

L-aktar qrib possibbli tan-naħa ta' quddiem tat-trattur; madankollu, d-dawl mormi ma jista', fl-ebda ċirkustanza, jikkawża skumdità lis-sewwieq, kemm direttament, jew indirettament mill-mirja ta' viżjoni anterjuri u/jew mill-uċuh li jirriflettu tat-trattur.

4.2.5. *Viżibilità ġeometrika*

Definiti bl-angoli α u β kif speċifikat f'1.9:

α = 15° 'il fuq u 10° 'il isfel,

β = 45° 'il barra u 5° 'il ġewwa,

F'dan il-qasam, għandha tkun viżibbli kważi t-totalità kollha tal-wieċ li jarmi d-dawl.

Il-preżenza ta' pannelli jew oġġetti oħra ta' tagħmir ħdejn il-lampa ma jistax ikollhom effetti sekondarji li jikkawżaw skumdità għal min ikun qed juża t-triq.

4.2.6. *Allinjament*

4.2.6.1. L-allinjament tal-lampi ta' quddiem bir-raġġ jarmi 'il isfel ma għandux ivarja skond l-angolu tal-qfiel ta' l-istering.

4.2.6.2. Jekk l-għoli tal-lampi ta' quddiem tar-raġġ jarmi 'il isfel huwa ugwali għal, jew akbar minn 500mm u ugwali għal, jew inqas minn 1 200 mm, għandu ikun possibbli li r-raġġ jarmi 'il isfel jitniżżel għal bejn 0.5 u 4 %;

4.2.6.3. Jekk l-għoli tal-lampi ta' quddiem tar-raġġ jarmi 'il isfel huwa akbar minn 1 200 imma mhux ikbar minn 1 500mm, il-limitu ta' 4 % preskritt f'4.2.6.2 għandu jiżdied għal 6 %; il-lampi ta' quddiem tar-raġġ jarmi 'il isfel li hemm referenza għalihom f'4.2.4.2.2 għandhom ikunu allinjati b'tali mod li, meta mkejja minn 15m mill-lampa, il-linja orizzontali li tissepara ż-żona mixgħula, tkun f'għoli ekwivalenti għal biss nofs id-distanza ta' bejn l-art u ċ-ċentru tal-lampa.

4.2.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

mal-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali u mal-lampi ta' quddiem l-oħra.

4.2.8. *Ma jistgħux «jingħaqdu»*

ma' kwalunkwe lampa oħra.

4.2.9. *Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»*

4.2.9.1. mal-lampa ta' quddiem tar-raġġ prinċipali, sakemm din ta' l-aħħar tiddawwar skond l-angolu tal-qfiel ta' l-istering;

4.2.9.2. mal-lampi l-oħra ta' quddiem.

4.2.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Il-kontroll biex ikun hemm qlib għal raġġ jarmi 'l isfel għandu jitfi l-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali simultanjament.

Ir-raġġi jarmu 'l isfel jistgħu jibqgħu mixgħula fl-istess ħin mar-raġġi prinċipali.

4.2.11. *Ċirkostanza ta' ċirkwit magħluq*

Mhux obbligatorju

4.2.12. *Ħtiġiet oħra*

Il-ħtiġiet ta' 3.5.2 m'għandhomx japplikaw għal-lampi ta' quddiem tar-raġġ jarmi 'l isfel.

4.3. Lampa taċ-ċpar ta' quddiem

4.3.1. *Presenza*

Mhux obbligatorjua

4.3.2. *Numru*

Tnejn

4.3.3. *Arranġament*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.3.4. *Pożizzjoni*

4.3.4.1. Wisa':

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.3.4.2. Għoli:

Mhux inqas minn 250 mm 'l fuq mill-art.

L-ebda punt fuq il-wiċċ ta' illuminazzjoni ma għandu jkun aktar għoli mill-aktar punt għoli tal-wiċċ ta' illuminazzjoni tal-lampa ta' quddiem tar-raġġ li jarmi 'l isfel.

4.3.4.3. Tul:

L-aktar qrib tan-naħa ta' quddiem tat-trattur possibbli: madankollu, id-dawl mormi ma jista', fl-ebda ċirkustanza, jikkawża skumdità lis-sewwieq, kemm direttament, jew indirettament mill-mirja ta' viżjoni anterjuri u/jew mill-uċuh li jirriflettu tat-trattur.

4.3.5. *Viżibilità ġeometrika*

Definit bl-angoli α u β as speċifikati fil-1.9:

α = 5° 'il fuq u 'l isfel,

β = 45° 'il barra u 5° 'l ġewwa.

4.3.6. *Allinjament*

L-allinjament tal-lampi taċ-ċpar ta' quddiem ma għandux ivarja skond l-angolu tal-qfil ta' l-istering.

Għandhom jkunu jħarsu 'l quddiem mingħajr ma jikkawżaw tgħammix jew skumdità għal sewwieqa oħra li jkunu ġejjin min-naħa l-oħra jew lil min ikun qed juża t-triq.

4.3.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

ma' lampi oħra ta' quddiem.

4.3.8. *Ma jistgħux «jingħaqdu»*

ma' lampi oħra ta' quddiem.

4.3.9. *Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»*

4.3.9.1. mal-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali li ma jistgħux jiddawwru skond l-angolu tal-qfil ta' l-istering meta jkun hemm erba' lampi ta' quddiem;

4.3.9.2. mal-lampi ta' quddiem (tal-ġenb);

4.3.9.3. mal-lampa tal-parkeġġ.

4.3.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Għandu ikun possibbli li l-lampa taċ-ċpar tintefa' u tinxtegħel indipendentement mil-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali u r-raġġ li jarmi 'l isfel u bil-maqlub.

4.3.11. *Ċirkostanza ta' ċirkwit magħluq*

Mhux obbligatorja.

4.4. Lampi li juru li l-karrozza se tirrorversja

4.4.1. Presenza

Mhux obbligatorja.

4.4.2. Numru

Waħda jew tnejn.

4.4.3. Arrangement

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.4.4. Pożizzjoni

4.4.4.1. Wisa':

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.4.4.2. Għoli:

Mhux inqas minn 250 mm u mhux aktar minn 1 200 'l fuq mill-art.

4.4.4.3. Tul:

Fuq wara tat-trattur.

4.4.5. Viżibilità ġeometrika

Definiti bl-angoli α u β kif speċifikat f'1.9:

α = 15° 'l fuq u 5° 'l isfel,

β = 45° lejn il-lemin u lejn ix-xellug jekk ikun hemm lampa waħda,

β = 45° 'l barra u 30° 'il ġewwa jekk ikun hemm tnejn.

4.4.6. Allinjament

n-naħa ta' wara

4.4.7. Jistgħu «jinġabru fi grupp»

ma' kwalunkwe lampa ta' wara oħra.

4.4.8. Ma jistgħux «jingħaqdu»

ma' lampi oħra.

4.4.9. Ma jistgħux jiġu «inkorporati reċiprokament»

ma' lampi oħra.

4.4.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Din tista' tinxtegħel biss jekk il-ger tat-treġġiegħ lura jkun qed jitħaddem u jekk il mekkaniżmu li jikkontrolla l-bidu u t-tmiem tat-tħaddim tal-magna jkun f'pożizzjoni tali li t-tħaddim tal-magna jkun possibbli.

Ma għandux jixgħel jew jibqa' mixgħul jekk xi waħda mill-kondizzjonijiet ta' hawn fuq ma tkunx imħarsa.

4.4.11. *Ċirkostanza*

Mhux obligatorja.

4.5. **Lampa li tindika d-direzzjoni**

4.5.1. *Presenza (ara Appendiċi 3).*

Mandatorju. Tipi ta' indikaturi jaqgħu fil-kategoriji (1, 2 u 5), li l-immuntar tagħhom fuq wieħed mit-tratturi jikkostitwixxi arranġament (A sa D).

L-arranġament A għandu jitħalla biss fuq tratturi li t-tul ġenerali tagħhom ma jaqbiżx 4,60m u fil-każ ta' liema d-distanza ta' bejn it-trufijiet ta' barra u l-uċuh ta' illuminazzjoni m'humix aktar minn 1,60 m.

L-arranġamenti B, Ċ u D għandhom japplikaw għat-tratturi kollha.

↓ 2006/26/KE Art. 3 u Anness III, pt. 1
--

Lampi addizzjonali biex jindikaw id-direzzjoni m'humix obligatorji

↓ 78/933/KEE

4.5.2. *Numru*

In-numru ta' mekkaniżmi għandu jkun tali li jistgħu jifgħu sinjali li jikkorrispondu ma' wieħed mill-arranġamenti li msemmi f'4.5.3.

4.5.3. *Arranġament (ara Appendiċi 3).*

- A – Żewġ lampi ta' quddiem li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 1),
– Żewġ lampi ta' wara li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 2).

Dawn il-lampi jistgħu jkunu indipendenti, miġbura flimkien jew magħqudin.

- B – Żewġ lampi ta' quddiem li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 1).
- Żewġ lampi tal-ġnub li jindikaw id-direzzjoni li jteptu (kategorija 5).
- Żewġ lampi ta' wara li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 2).

Il-lampi ta' quddiem u l-lampi tal-ġnub li jibqgħu jteptu jistgħu jkunu indipendenti, miġbura flimkien jew magħquda.

- Ċ – Żewġ lampi ta' quddiem li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 1),
- Żewġ lampi ta' wara li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 2),
- Żewġ lampi tal-ġnub li jindikaw id-direzzjoni li jteptu (kategorija 5).
- D – Żewġ lampi ta' quddiem li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 1).
- Żewġ lampi ta' wara li jindikaw id-direzzjoni (kategorija 2).

4.5.4. Pożizzjoni

4.5.4.1. Wisa':

Ix-xifer tal-wiċċ ta' illuminazzjoni l-aktar 'il bogħod mill-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur ma għandux ikun aktar minn 400mm mix-xifer l-aktar 'il bogħod tat-trattur.

Id-distanza ta' bejn ix-xfar ta' barra taż-żewġ uċuh ta' illuminazzjoni m'għandhiex tkun inqas minn 500mm.

Meta d-distanza vertikali ta' bejn il-lampa ta' wara li tindika d-direzzjoni u l-lampa ta' wara (tal-ġenb) li tikkorrispondi magħha ma tkunx aktar minn 300mm, id-distanza ta' bejn ix-xifer l-aktar 'il barra tat-trattur u x-xifer ta' barra tal-lampa ta' wara li tindika d-direzzjoni ma għandhiex taqbeż b'aktar minn 50mm id-distanza tax-xifer l-aktar 'il barra tat-trattur u x-xifer ta' barra tal-lampa ta' wara (tal-ġenb) korrispondenti.

Għal-lampi ta' quddiem li jindikaw id-direzzjoni, il-wiċċ ta' illuminazzjoni ma għandux ikun inqas minn 40mm mill-wiċċ ta' luminazzjoni tal-lampi ta' quddiem tar-raġġ jitfa' 'l isfel jew mill-lampi taċ-ċpar ta' quddiem, jekk ikun hemm. Distanza iżgħar hija permessa jekk l-intensità tad-dawl fil-fus ta' referenza tal-lampa li tindika d-direzzjoni hija uguali għal ta' l-anqas 400cd.

↓ 2006/26/KE Art. 3 u Anness III, pt. 2 (adattat)
--

4.5.4.2. Tul

‘il fuq mill-art

- Mhux anqas minn 500 mm għal lampi għall-indikazzjoni tad-direzzjoni fil-kategorija 5

-mhux anqas minn 400 mm għal lampi għall-indikazzjoni tad-direzzjoni fil-kategoriji 1 u 2

-mhux anqas minn 1 900 mm għall-kategoriji kollha,

Jekk l-istruttura tat-trattur hija b'tali mod li din iċ-ċifra massima ma tistax tinżamm, l-għola punt fuq il-parti li tixgħel tista' tkun sa 2 300 mm għal lampi li jindikaw id-direzzjoni fil-kategorija 5, għal daww fil-kategoriji 1 u 2 ta' l-arranġament A, għal daww fil-kategorija 1 u 2 ta' l-arranġament B u għal daww fil-kategorija 1 u 2 ta' l-arranġament D; tista' tkun sa 2 100 mm għal dwak fil-kategoriji 1 u 2 ta' arranġamenti oħra.

- sa 4 000 mm għal lampi mhux mandatorji għall-indikazzjoni tad-direzzjoni

↓ 78/933/KEE → ₁ 1999/56/KE Art. 1 u Anness pt. 1(ċ)

4.5.4.3. Tul:

Id-distanza ta' bejn iċ-ċentru ta' referenza tal-wiċċ ta' luminazzjoni tal-lampa tal-ġenb li tindika d-direzzjoni (arranġamenti B u Ċ) u l-pjan trasversali li jimmarka l-limitu ta' quddiem tat-tul totali tat-trattur, m'għandhiex taqbeż 1 800mm. Jekk l-istruttura tat-trattur tippermetti li tikkonforma ma' l-angoli minimi ta' viżibilità, din id-distanza tista' tiżdied sa 2 600mm.

4.5.5 *Viżibilità ġeometrika*

Angolu orizzontali (ara Appendiċi 3).

Angolu *vertikali*

15° ‘il fuq u taħt l-orizzontali. L-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas sa 10° fil-każ ta' lampi tal-ġnub repetitivi laterali li jindikaw id-direzzjoni ta' l-arranġamenti B u Ċ jekk it-tul tagħhom huwa inqas minn 1 500mm. L-istess japplika fil-każ ta' lampi li jindikaw id-direzzjoni fil-kategorija 1 ta' l-arranġamenti B u D.

4.5.6. *Allinjament*

Jekk l-ispeċifikazzjonijiet individwali għall-installazzjoni huma preskritti mill-manifattur dawn għandhom jiġu osservati.

4.5.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

ma' lampa waħda jew aktar, li ma jistgħux jinħbew.

4.5.8. *Ma jistgħux «jingħaqdu»*

ma' lampa oħra, barra skond l-arranġamenti imsemmi f'4.5.3.

4.5.9. *Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»*

biss ma' lampa tal-parkeġġ, imma biss fil-każ ta' lampi li jindikaw id-direzzjoni tal-kategorija 5.

4.5.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Il-lampi li jindikaw id-direzzjoni għandhom jixgħelu indipendentement minn lampi oħrajn. Il-lampi kollha li jindikaw id-direzzjoni fuq naħa waħda tat-trattur għandhom jinxtegħlu u jintfew permezz ta' kontroll wieħed u għandhom jixgħelu u jintfew malajr fl-istess ħin.

4.5.11. *Ċirkostanzi ta' tħaddim*

Mandatorju għall-lampi kollha li jindikaw id-direzzjoni li mhumix direttament viżibbli għas-sewwieq. Dan jista' jkun ottiku jew li jinstema' jew it-tnejn.

Jekk dan ikun ottiku, għandu jkun dawl li jteptep li, fil-każ ta' l-lampi li jindikaw id-direzzjoni, barra l-lampi li jindikaw id-direzzjoni b'dawl iteptep, ma jibdexx jaħdmu sew, dan għandu jew jintefa', jew jibqa' mixgħul mingħajr ma jteptep, jew juri bidla ta' frekwenza b'mod ċar. Jekk ikun kollu kemm hu bil-ħoss, għandu jistema' b'mod ċar u għandu juri bidla ċara ta' frekwenza fil-każ li ma jibdiex jaħdem sew.

Jekk trattur ikun mġammar biex jiġbed karru, għandu jkun mġammar b'ċirkostanza tat-tħaddim ottiku speċjali għall-lampi li jindikaw id-direzzjoni ta' fuq it-karru sakemm iċ-ċirkostanza ta' fuq il-vettura li qed tiġbed, ma tkunx tippermetti li tiġi osservata kull ħsara f'wieħed mil-lampi li jindikaw id-direzzjoni fuq l-għaqda tat-trattur hekk iffurmata.

4.5.12. *Ħtiġiet oħra*

Id-dawl għandu jkun dawl li jteptep, li jteptep 90 ± 30 darba fil-minuta.

It-tħaddim tal-kontroll tas-sinjal bid-dawl għandu jiġi segwit f'inqas minn sekonda bid-dehra ta' dawl u f'mhux aktar minn sekonda u nofs wara li jkun intefa għall-ewwel darba.

Jekk trattur ikun awtorizzat li jiġbed karru, il-kontroll tal-lampi li jindikaw id-direzzjoni ta' fuq it-trattur għandhom joperaw ukoll il-lampi indikaturi ta' fuq it-karru.

Fil-każ ta' ħsara, barra dik ta' ċirkwit qasir, ta' waħda mil-lampi li jindikaw id-direzzjoni, l-oħrajn għandhom ikomplu jteptu imma l-frekewenza f'din il-kundizzjoni tista' tkun differenti minn dik speċifikata.

4.6. Sinjal li javża li hemm periklu

4.6.1. Preżenza

Mandatorju

4.6.2 Numru

4.6.3 Arranġament

4.6.4 Pożizzjoni

4.6.4.1. Wisa'

4.6.4.2. Għoli

4.6.4.3. Tul

4.6.5. Viżibilità ġeometrika

4.6.6. Allinjament

4.6.7. Jista'/ma jistax ikun «iggruppat»

4.6.8. Jista'/ma jistax ikun «kombinat»

4.6.9. Jista'/ma jistax ikun «inkorporat reċiprokament»

Kif speċifikat fl-intestaturi ta' 4.5 li jikkorrispondu

4.6.10 Konnessjonijiet elettriċi

Is-sinjal għandu jiġi mħaddem permezz ta' kontroll separat li jippermetti li l-lampi li jindikaw id-direzzjoni jaħdmu fl-istess ħin.

4.6.11 Ċirkostanza ta' ċirkwit magħluq

Mandatorju. Dawl li javża li jteptep, li jista' jitħaddem flimkien maċ-ċirkostanza/i speċifikat(i) f'4.5.11.

4.6.12. *Ħtiġiet oħra*

Kif speċifikat f'4.5.12, jekk trattur ikun mġammar biex jiġbed karru, il-kontroll tas-sinjal li juri li hemm periklu għandu ikun kapaċi li jibda jħaddem ukoll il-lampi li jindikaw id-direzzjoni ta' fuq il-karru. Is-sinjal li juri li hemm periklu għandu jkun jista' jaħdem anke jekk il-mekkaniżmu li jixgħel jew iwaqqaf il-magna ikun qiegħed f'pożizzjoni li ma tippermettix li tinxtgħel il-magna.

4.7. **Lampi ta' waqfien**

4.7.1. *Preżenza*

➔₁ Mandatorja ➔.

4.7.2. *Numru*

Tnejn

4.7.3. *Arranġament*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.7.4. *Pożizzjoni*

4.7.4.1. Wisa':

Mhux inqas minn 500 mm 'l bogħod minn xulxin. Din id-distanza tista tiġi ridotta għal 400 mm jekk il-wisa' ġenerali tal-vettura hija inqas minn 1 400mm.

↓ 78/933/KEE ➔ ₁ 2006/26/KE Art. 3 u Anness III, pt. 4

4.7.4.2. Għoli:

'L fuq mill-art: mhux inqas minn 400mm, mhux iktar minn 1900mm jew ➔₁ 2 300 ➔ mm jekk il-forma ta' l-istruttura ma tippermettix li jinżammu l-1900mm.

↓ 78/933/KEE ➔ ₁ 1999/56/KE Art. 1 u Anness, pt. 1. d
--

4.7.4.3. Tul:

Fuq wara tat-trattur.

4.7.5. *Viżibilità ġeometrika*

Angolu orizzontali

45° 'il barra u 'l ġewwa.

Angolu vertikali

15° 'il fuq u taħt l-orizzontali. L-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas għal 10° fil-każ ta' lampi li huma inqas minn 1 500mm 'il fuq mill-art; sa 5° fil-każ ta' lampi li huma inqas minn 750mm 'il fuq mill-art.

4.7.6. *Allinjament*

Lejn in-naħa ta' wara tat-trattur.

4.7.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

ma' lampa waħda jew aktar ta' wara.

4.7.8. *Ma jistgħux «jingħaqdu»*

ma' lampa oħra.

4.7.9. *Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»*

ma' lampa ta' wara (tal-ġenb) jew ma' lampa tal-parkeġġ.

4.7.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

għandhom jixegħlu meta jiġu applikati l-brejkijiet.

4.7.11. *Ċirkostanzi ta' tħaddim*

Mhux obbligatorja. Jekk dan jeżisti, għandu jkun dawl li juri li hemm periklu li ma jteptix li jixgħel fil-każ li l-lampi ta' waqfien ma jkunux qed jaħdmu sew.

4.7.12. *Ħtiġiet oħra*

L-intensità tad-dawl tal-lampi ta' waqfien għandha tkun sinjifikament akbar, b'mod li jidher ċar, minn dik tal-lampi ta' wara (tal-ġenb).

4.8. Lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara

4.8.1. Presenza

Mandatorju

4.8.2. Numru

4.8.3. Arranġament

4.8.4. Pożizzjoni

4.8.4.1. Wisa'

B'mod illi l-mekkaniżmu jkun kapaċi jdawwal l-ispazju tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

4.8.4.2. Għoli

4.8.4.3. Tul

4.8.5. Viżibiltà ġeometrika

4.8.6. Allinjament

4.8.7. Jistgħu «jinġabru fi grupp»

ma' lampa waħda jew aktar ta' wara.

4.8.8. Jistgħu «jingħaqdu»

mal-lampi ta' wara (tal-ġenb);

4.8.9. Ma jistgħux jiġu «inkorporati reċiprokament»

ma' lampa oħra.

4.8.10. Konnessjonijiet elettriċi

Il-mekkaniżmu għandu jixgħel biss fl-istess ħin mal-lampi ta' wara (tal-ġenb).

4.8.11. Ċirkostanza ta' ċirkwit magħluq

Mhux obligatorja. Jekk dan jeżisti, il-funzjoni tiegħu għandha ssir miċ-ċirkostanza meħtieġa għal-lampi ta' quddiem u ta' wara (tal-ġenb).

4.9 Pożizzjoni tal-lampi ta' quddiem (tal-ġenb)

4.9.1. Presenza

Mandatorju

4.9.2. Numru

Tnejn jew erbgħa (ara 4.2.4.2.2).

4.9.3. *Arrangement*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.9.4. *Pożizzjoni*

4.9.4.1. Wisa':

Il-punt fuq il-wiċċ ta' illuminazzjoni li huwa l-aktar 'il bogħod mill-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur ma għandux ikun aktar minn 400mm mix-xifer l-aktar 'l barra tat-trattur.

L-ispace ħieles ta' bejn xfar ta' ġewwa rispettivi taż-żewġ uċuh ta' illuminazzjoni m'għandux ikun inqas minn 500mm.

4.9.4.2. Għoli:

'L fuq mill-art: mhux inqas minn 400mm, mhux iktar minn 1 900mm jew ➔ 1 2 300 mm ➜ jekk il-forma ta' l-istruttura ma tippermettix li jinżammu l-1 900mm.

4.9.4.3. Tul:

M'hemm l-ebda speċifikazzjonijiet, sakemm il-lampi huma allinjati 'l quddiem u l-angoli tal-viżibilità ġeometrika speċifikati f'4.9.5 huma rispettati.

4.9.5. *Viżibilità ġeometrika*

Angolu orizzontali

Għaż-żewġ lampi ta' quddiem (tal-ġenb); 10° 'il ġewwa u 80° 'il barra. Madankollu, l-angolu ta' 10° 'il ġewwa jista' bħala eċċezzjoni jitnaqqas sa 5° jekk il-forma ta' l-istruttura ma tippermettix li jinżammu l-10°. Għal tratturi li għandhom wisa' ġenerali li ma taqbiżx 1 400mm dan l-angolu jista' jitnaqqas għal 3° jekk il-forma ta' l-istruttura ma tippermettix li jinżammu l-10°.

Angolu vertikali

15° 'il fuq u taħt l-orizzontali. L-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas sa 10° jekk l-għoli tal-lampi 'l fuq mill-art huwa inqas minn 1 500mm, u sa 5° jekk dan l-għoli huwa inqas minn 750mm.

4.9.6. *Allinjament*

Lejn in-naħa ta' quddiem

4.9.7. *Jistgħu«jinġabru fi grupp»*

ma' kwalunkwe lampa oħra ta' quddiem.

4.9.8. *Ma jistgħux«jingħaqdu»*

ma' kwalunkwe lampi oħra.

4.9.9. *Jistgħu jiġu «nkorporati reċiprokament»*

ma' kwalunkwe lampa oħra ta' quddiem.

4.9.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.9.11. *Ċirkostanza*

Mandatorju. Din iċ-ċirkostanza għandha tkun li ma jteptix. M'għandux ikun meħtieġ jekk it-tidwil tal-pannell ta' l-istrumenti, jista' biss jinxtegħel simultanjament mal-lampi ta' quddiem (tal-ġenb).

4.10. Lampi ta' wara (tal-ġenb)

4.10.1. *Presenza*

Mandatorju

4.10.2. *Numru*

Tnejn

4.10.3. *Arrangement*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.10.4. *Pożizzjoni*

4.10.4.1. Wisa':

Il-punt fuq il-wiċċ ta' illuminazzjoni li huwa l-aktar 'il bogħod mill-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur ma għandux ikun aktar minn 400mm mix-xifer l-aktar 'l barra tat-trattur.

Id-distanza ta' bejn ix-xfarjiet ta' ġewwa taż-żewġ uċuh ta' illuminazzjoni m'għandhiex tkun inqas minn 500mm. Din id-distanza tista' titnaqqas sa 400mm meta l-wisa' ġenerali tat-trattur huwa inqas minn 1 400mm.

↓ 78/933/KEE → ₁ 2006/26/KE Art. 3 u Anness III, pt. 4

4.10.4.2. Għoli:

'L fuq mill-art: mhux inqas minn 400mm, mhux iktar minn 1 900mm, jew
→₁ 2 300 ← mm jekk il-forma ta' l-istruttura ma tippermettix li jinżammu
l-1 900mm.

4.10.4.3. Tul:

Fuq wara tat-trattur.

4.10.5. *Viżibilità ġeometrika*

Angolu orizzontali

Għaż-żewġ lampi ta' wara (tal-ġenb);

- jew 45° 'il ġewwa jew 80° 'il barra,
- jew 80° 'il ġewwa u 45° 'il barra.

Angolu vertikali

15° 'il fuq u taħt l-orizzontali. L-angolu taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas sa 10° jekk l-ġholi tal-lampi 'l fuq mill-art huwa inqas minn 1 500mm, u sa 5° jekk dan l-ġholi huwa inqas minn 750mm.

4.10.6. *Allinjament*

Lejn in-naħa ta' wara

4.10.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

ma' kwalunkwe lampa ta' wara oħra.

4.10.8. *Jistgħu «jingħaqdu»*

mal-lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara.

4.10.9. *Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»*

mal-lampa ta' waqfien, mal-lampa taċ-ċpar ta' wara jew mal-lampa tal-parkeġġ.

4.10.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.10.11. *Ċirkostanza ta' ċirkwit magħluq*

Mandatorju. Jista' jingħaqad ma' dak tal-lampi ta' quddiem (tal-ġenb).

4.11. **Lampa taċ-ċpar ta' wara**

4.11.1. *Presenza*

Mhux obbligatorja.

4.11.2. *Numru*

Waħda jew tnejn.

4.11.3. *Arrangement*

Dawn għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-viżibilità ġeometrika.

4.11.4. *Pożizzjoni*

4.11.4.1. Wisa':

Jekk ikun hemm lampa waħda biss taċ-ċpar ta' wara, din għandha tkun fuq in-naħa opposta tal-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur lejn id-direzzjoni tat-traffiku preskritta fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni.

Fil-każijiet kollha, id-distanza ta' bejn il-lampa taċ-ċpar ta' wara u l-lampa ta' waqfien għandha tkun ikbar minn 100mm.

4.11.4.2. Għoli:

‘L fuq mill-art: mhux inqas minn 400 mm, mhux iktar minn 1 900mm, jew mhux aktar minn 2 100 mm jekk il-forma ta' l-istruttura ma tippermettix li jinżammu l-1 900mm.

4.11.4.3. Tul:

Fuq wara tat-trattur.

4.11.5. *Viżibilità ġeometrika*

Angolu orizzontali

25° ‘il ġewwa u ‘l barra.

Angolu vertikali

5° ‘il fuq u taħt l-orizzontali.

4.11.6. *Allinjament*

Lejn in-naħa ta' wara

4.11.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

ma' kwalunkwe lampi ta' wara oħra.

4.11.8. *Ma jistgħux «jingħaqdu»*

ma' lampi oħra.

4.11.9. *Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»*

mal-lampi ta' wara (tal-ġenb) jew mal-lampa tal-parkeġġ.

4.11.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Għandhom ikunu tali li l-lampa taċ-ċpar ta' wara tixgħel biss meta jkunu qed jintużaw il-lampi ta' quddiem tar-raġġ jarmi 'l isfel jew il-lampi taċ-ċpar ta' quddiem.

Jekk ikun hemm il-lampi taċ-ċpar ta' quddiem, għandu jkun possibbli li jintfew il-lampi taċ-ċpar ta' wara indipendentement mil-lampi taċ-ċpar ta' quddiem.

4.11.11. *Ċirkostanza ta' ċirkwit magħluq*

Mandatorju. Dawl li javża indipendenti, ta' intensità fissa.

4.12. **Lampa tal-parkeġġ**

4.12.1. *Presenza*

Mhux obligatorja.

4.12.2. *Numru*

Jiddependi mill-arranġament.

4.12.3. *Arranġament*

- jew żewġ lampi fuq quddiem u żewġ lampi fuq wara,
- jew lampa waħda fuq kull naħa.

4.12.4. *Pożizzjoni*

4.12.4.1. Wisa':

Il-punt fuq il-wiċċ ta' luminazzjoni li huwa l-aktar 'il bogħod mill-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur ma għandux ikun aktar minn 400mm mix-xifer l-aktar 'l barra tat-trattur. Barra minn hekk, fil-każ ta' par lampi, il-lampi għandhom ikunu fuq il-għub tat-trattur.

4.12.4.2. Għoli:

'L fuq mill-art: mhux inqas minn 400mm, mhux iktar minn 1 900mm, jew mhux aktar minn 2 100 mm jekk il-forma ta' l-istruttura ma tippermettix li jinżammu l-1 900mm.

4.12.4.3. Tul:

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.12.5. *Viżibilità ġeometrika*

Angolu orizzontali

45° 'il barra, lejn in-naħa ta' quddiem u lejn in-naħa ta' wara.

Angolu vertikali

15° 'il fuq u taħt l-orizzontali. L-angolu vertikali taħt l-orizzontali jista' jitnaqqas sa 10° jekk l-għoli tal-lampi 'l fuq mill-art huwa inqas minn 1500mm, u sa 5° jekk dan l-għoli huwa inqas minn 750mm.

4.12.6. *Allinjament*

B'dak il-mod li l-lampi jissodisfaw il-kondizzjonijiet li jikkonċernaw il-viżibilità lejn in-naħa ta' quddiem u lejn in-naħa ta' wara.

4.12.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

ma' kwalunkwe lampa oħra.

4.12.8. *Ma jistgħux «jingħaqdu»*

ma' lampi oħra.

4.12.9. *Jistgħu jiġu «inkorporati reċiprokament»*

- fuq quddiem: mal-lampi tal-pożizzjoni (tal-ġenb), il-lampi ta' quddiem tar-raġġ jarmi l-isfel, il-lampi ta' quddiem tar-raġġ prinċipali u l-lampi taċ-ċpar ta' quddiem,
- fuq wara: mal-lampi tal-pożizzjoni (tal-ġenb), il-lampi ta' waqfien u l-lampi taċ-ċpar ta' wara,
- mal-lampi li jindikaw id-direzzjoni fil-kategorija 5.

4.12.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Il-konnessjonijiet għandhom jippermettu li l-lampa/i tal-parkeġġ ta' l-istess naħa tat-trattur jinxtegħlu indipendentement minn xi lampi oħra.

4.12.11. *Ċirkostanza*

Mhux obligatorja. Jekk ikun hemm wieħed, ma għandux ikun possibbli li dan jiġi mħawwad maċ-ċirkostanzi tal-lampi tal-pożizzjoni (tal-ġenb).

4.12.12. *Ħtiġiet oħra*

Il-funzjoni ta' din il-lampa tista' ssir ukoll billi jinxtegħlu simultanament il-lampi ta' quddiem u ta' wara (tal-ġnub) ta' l-istess naħa tat-trattur.

4.13. **Lampa li tindika t-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur**

4.13.1. *Presenza*

Mhux obligatorja fuq tratturi li ma jaqbżux 2,10m fil-wisa'.

Ipprojbata fuq it-tratturi kollha l-oħra.

4.13.2. *Numru*

Tnejn li huma viżibbli minn quddiem u tnejn viżibbli minn wara.

4.13.3. *Arranġament*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.13.4. *Pożizzjoni*

4.13.4.1. Wisa’:

L-aktar qrib kemm jista’ jkun tax-xifer l-aktar ‘l barra tat-trattur.

4.13.4.2. Għoli:

Fl-għoli massimu kompatibbli mal-ħtiġiet li jirrelataw mal-pożizzjoni fir-rigward tal-wisa’ u s-simetrija tal-lampi.

4.13.4.3. Tul:

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.13.5. *Viżibilità ġeometrika*

Angolu orizzontali

80° ‘il barra.

Angolu vertikali

5° ‘il fuq u 20° taħt l-orizzontali.

4.13.6. *Allinjament*

B’tali mod li l-lampi jissodisfaw il-ħtiġiet tal-viżibilità lejn in-naħa ta’ quddiem u lejn in-naħa ta’ wara.

4.13.7. *Ma jistgħux «jinġabru fi grupp» ma’ lampi oħra ħlief*

4.13.8. *Ma jistgħux «jiġu maqgħuda»*

4.13.9. *Ma jistgħu «jiġu inkorporati reċiprokament»*

fil-każ imsemmi fil-4.2.4.2.2.

4.13.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.13.11. *Ċirkostanza*

Mhux obbligatorja.

4.13.12. *Ħtiġiet oħra*

Sakemm il-kondizzjonijiet l-oħra jkunu ġew sodisfatti, il-lampa li tidher minn quddiem u l-lampa li tidher minn wara, fuq l-istess naħa tat-trattur, jistgħu jingħaqdu f'mekkaniżmu wieħed.

Il-pożizzjoni ta' lampa li tindika t-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur f'relazzjoni mal-lampa (tal-ġenb) fil-pożizzjoni korrispondenti għandha tkun tali li d-distanza ta' bejn il-projezzjonijiet fuq pjan trasversali vertikali tal-punti l-eqreb ta' l-uċuh ta' illuminazzjoni taż-żewġ lampi kkunsidrati hija inqas minn 200mm.

4.14. Riflettur bir-rifless ta' wara, li mhux trijangulari:

4.14.1. *Presenza*

Mandatorju

4.14.2. *Numru*

Tnejn jew erbgħa (ara 4.14.5.2).

4.14.3. *Arrangement*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.14.4. *Pożizzjoni*

4.14.4.1. Wisa':

Il-punt fuq il-wiċċ ta' illuminazzjoni li huwa l-aktar 'il bogħod mill-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur għandu jkun ta' mhux aktar minn 400 mm mix-xifer l-aktar 'l barra tat-trattur.

Id-distanza ta' bejn ix-xfar interni tar-rifletturi rifless għandha tkun ta' minimu ta' 600 mm. Din id-distanza tista tiġi ridotta għal 400 mm jekk il-wisa' ġenerali tat-trattur hija inqas minn 1 300 mm.

4.14.4.2. Għoli:

'L fuq mill-art: mhux inqas minn 400 mm u mhux aktar minn 900 mm. Il-limitu l-aktar għoli jista' jiżdied sa 1 200 mm jekk ma jkunx possibbli li jkun f'għoli ta' 900 mm mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li jintużaw mekkaniżmi li jitwāhhlu li għandhom tendenza li tiġrilhom il-ħsara jew jitgħawwġu.

4.14.4.3. Tul:

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

4.14.5. *Viżibilità ġeometrika*

4.14.5.1. Angolu orizzontali

30° 'il ġewwa u 'l barra.

Angolu vertikali

15° 'il fuq u huwa inqas minn 750 mm.

4.14.5.2. Jekk hu impossibbli li jiġu osservati l-pożizzjoni u l-ħtiġiet ta' viżibilità ta' hawn fuq, jistgħu jitwāhħlu erba' rifletturi riflessi skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' installazzjoni li ġejjin:

4.14.5.2.1. Żewġ rifletturi riflessi għandhom jibqgħu fl-għoli massimu ta' 900 mm 'l fuq mill-art, josservaw distanza ta' bejn ix-xfar interni ta' ta' l-inqas 400 mm u jkollhom angolu vertikali ta' viżibilità 'l fuq mill-orizzontal ta' 15°.

↓ 78/933/KEE → ₁ 2006/26/KE Art. 3 u Anness III, pt. 5

4.14.5.2.2. It-tnejn l-oħra għandhom jibqgħu f'għoli massimu ta' →₁ 2 300 ← mm 'il fuq mill-art u għandhom jintrabtu bil-ħtiġiet ta' 4.14.4.1 u 4.14.5.1.

4.14.6. *Allinjament*

Lejn in-naħa ta' wara

4.14.7. *Jistgħu «jinġabru fi grupp»*

ma' kwalunkwe lampa oħra.

4.14.8. *Ħtiġiet oħra*

Il-wiċċ ta' illuminazzjoni tar-riflettur bir-rifless jista' jkollu partijiet komuni ma' dawk ta' kwalunkwe lampa oħra ta' wara.

4.15. **Lampa tax-xogħol**

4.15.1. *Presenza*

Mhux obbligatorja

4.15.2. *Numru*

Ebda speċifikazzjonijiet individwali.

↓ 78/933/KEE
→₁ 2006/26/KE Art. 3 u
Anness III, pt. 6

4.15.3. *Allinjament*

4.15.4. *Pożizzjoni*

4.15.4.1. Wisa'

4.15.4.2. Għoli

4.15.4.3. Tul

4.15.5. *Viżibilità Ġeometrika*

4.15.6. *Allinjament*

→₁ 4.15.7. *Jistgħu jiġu "magħqudin fi grupp"* ←

4.15.8. *Ma jistgħux «jiġu kombinati»*

4.15.9. *Ma jistgħux jiġi «inkorporati reċiprokament»*

4.15.10. *Konnessjonijiet elettriċi*

Din il-lampa għandha tkun mixgħula indipendentement mill-lampi l-oħra minħabba l-fatt illi din ma tixgħelx it-triq jew ma tagħxxix bħala mekkaniżmu li jagħmel sinjal fuq it-triq.

4.15.11. *Ċirkostanza*

Mhux obbligatorju


Ebda speċifikazzjonijiet individwali

ma' lampa oħra



5. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

5.1. Kull trattur li huwa prodott f'serje għandu jikkonforma mat-tip ta' trattur li jkun irċieva l-approvazzjoni tat-tip f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-installazzjoni ta' dawl u mezzi għas-sinjalizzazzjoni bid-dawl u l-karatteristiċi tagħhom kif speċifikati b'din id-Direttiva.

Appendiċi 1




Appendiċi 2



Appendiċi 3

LAMPA LI TINDIKA D-DIREZZJONI: VIŻIBILITÀ ĠEOMETRIKA



↓ 78/933/KEE (adattat)
→₁ 1999/56/KE Art. 1 u
Anness pt. 2(a)

ANNEX II

MUDELL

Isem ta' l-amministrazzjoni

ANNEX GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' TRATTUR F'DAK LI GĦANDU X'JAQSAM MA' L-INSTALLAZZJONI TA' DAWL U MEZZI GĦAS-SINJALAZZJONI TA' DAWL

→₁ (L-Artikoli 4(3) tad-Direttiva  tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/37/KE
tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew
għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien
mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-
Direttiva 74/150/KEE  ←

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

1. Ditta (Isem kummerċjali)

2. Tip ta' vettura u klassifika tad-deskrizzjoni kummerċjali

3. Isem u indirizz tal-manifattur

4. Fejn japplika, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-mandatarju

5. Tagħmir ta' dawl installat fuq it-trattur li ġie ppresentat għall-approvazzjoni ⁽¹⁾.....

5.1 Lampi ta' quddiem b'raġġ prinċipali: iva/le ⁽²⁾

5.2 Lampi ta' quddiem b'raġġ li jarmi 'l isfel: iva/le ⁽²⁾

5.3 Lampi ta' quddiem taċ-ċpar: iva/le ⁽²⁾

5.4 Lampi li juru li l-vettura ser tirriversja: iva/le ⁽²⁾

5.5 Lampi ta' quddiem li jindikaw id-direzzjoni: iva/le ⁽²⁾

5.6 Lampi ta' wara li jindikaw id-direzzjoni: iva/le ⁽²⁾

5.7 Lampi tal-ġenb li jteptu li jindikaw id-direzzjoni: iva/le ⁽²⁾

- 5.8 Lampa li jvżaw li hemm periklu: iva/le ⁽²⁾
- 5.9 Lampa ta' waqfien: iva/le ⁽²⁾
- 5.10 Installazzjoni tad-dawl tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara: iva/le ⁽²⁾
- 5.11 Lampa ta' quddiem: iva/le ⁽²⁾
- 5.12 Lampa ta' wara : iva/le ⁽²⁾
- 5.13 Lampa ta' wara taċ-ċpar: iva/le ⁽²⁾
- 5.14 Lampa tal-parkeġġ: iva/le ⁽²⁾
- 5.15 Lampa li jindikaw it-trufijiet tal-linji tal-forma tat-trattur: iva/le ⁽²⁾
- 5.16 Rifletturi riflessi ta' wara, mhux trijangulari: iva/le ⁽²⁾
- 5.17 Lampa tax-xogħol: iva/le ⁽²⁾

⁽¹⁾ Ehmeż id-disinni tat-trattur kif indikat f'punt 2.2.3. ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill $\langle \rangle$ [.../.../KE] relatati ma' l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija $\langle \rangle$

⁽²⁾ Aqta' fejn ma japplikax.

6. Lampi ekwivalenti: iva/le ⁽²⁾ (ara punt 15)
.....
7. Trattur ippreżentat għall-approvazzjoni f'
8. Servizz tekniku li qed iwettaq il-verifiki ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE
.....
9. Data tar-rapport maħruġ minn dan is-servizz
10. Numru tar-rapport maħruġ minn dan is-servizz
11. Approvazzjoni tat-tip KE f'dak li għandu x'jaqsam ma' dwal u mezz i għas-sinjalazzjoni bid-dawl kkonċeduta/miċħuda ⁽¹⁾
12. Post
13. Data
14. Firma
15. Id-dokument li ġejjin, li għandhom in-numru ta' l-approvazzjoni indikati hawnhekk huwa anness; lista ta' mezz i previsti mill-manifattur għat-tagħmir ta' dwal u mezz i ta' sinjalazzjoni bid-dawl; għal kull mezz i il-marka tal-manifattur u l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent huma indikati.

Din/Dawn il-lista/i li jinkludu skeda tal-lampi ekwivalenti ⁽¹⁾
16. Kummenti:
.....
.....
.....
.....
.....
.....

⁽¹⁾ Aqta' fejn ma japplikax.



ANNESS III

Parti A

Direttiva mħassra flimkien mal-lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha (imsemmija fl-Artikolu 7)

Direttiva tal-Kunsill 78/933/KEE
(ĠU L 325 20.11.1978, p. 16)

Direttiva tal-Kunsill 82/890/KEE
(ĠU L 378 31.12.1982, p. 45)

Għal dak li għandu x'jaqsam biss
mar-referenzi magħmula fl-Artikolu 1(1)
tad-Direttiva 78/933/KEE

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
97/54/KE
(ĠU L 277 10.10.1997, p. 24)

Għal dak li għandu x'jaqsam biss
mar-referenzi magħmula fl-Artikolu 1(1)
tad-Direttiva 78/933/KEE

Direttiva tal-Kummissjoni 1999/56/KE
(ĠU L 146 11.6.1999, p. 31)

Direttiva tal-Kummissjoni 2006/26/KE
(ĠU L 65 7.3.2006, p. 22)

Għal dak li għandu x'jaqsam biss
mar-referenzi magħmula fl-Artikolu 3 u
l-Anness III tad-Direttiva 78/933/KEE

Parti B

Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni (imsemmija fl-Artikolu 7)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
78/933/KEE	25 ta' April 1980	—
82/890/KEE	22 ta' Ġunju 1984	—
97/54/KE	22 ta' Settembru 1998	23 ta' Settembru 1998
1999/56/KE	30 ta' Ġunju 2000	1 ta' Lulju 2000 ⁽¹⁾
2006/26/KE	31 ta' Diċembru 2006	(2)

(1) Skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/56/KE:

“1. Mill-1 ta' Lulju 1989, l-Istati Membri ma jistgħux:

- jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni ta' tip KE, li joħorġu d-dokument previst fit-tielet indent ta' Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE, jew li jagħti l-approvazzjoni ta' tip nazzjonali, dwar tip ta' trattur, jew
- iwaqqfu d-dħul fis-servizz ta' tratturi,

jekk it-tratturi involuti jħarsu r-rekwiżiti tad-Direttiva 78/933/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Jannar 2001, l-Istati Membri:

- ma jistgħux aktar joħorġu d-dokument li għalih jipprovdi t-tielet indent ta' Artikolu 10(1) ta' Direttiva 74/150/KEE fir-rigward ta' tip ta' trattur li ma jħarisx ir-rekwiżiti ta' d-Direttiva 78/933/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva,
- jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni nazzjonali tat-tip fir-rigward ta' tip ta' trattur li ma jħarisx ir-rekwiżiti tad-Direttivi 78/933/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva.”

(2) Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/26/KE:

“1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, fir-rigward ta' vetturi li huma konformi mar-rekwiżiti stipulati rispettivament fid-Direttivi 74/151/KEE, 78/933/KEE, u 77/311/KEE u 89/173/KEE emendati b'din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet marbuta mas-suġġetti tad-Direttiva kkonċernata:

- (a) jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali;
- (b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul; fis-servizz tat-tali vetturi;

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, fir-rigward ta' vetturi li m'humiex konformi mar-rekwiżiti stipulati rispettivament fid-Direttivi 74/151/KEE, 78/933/KEE, u 77/311/KEE u 89/173/KEE kif emendati b'din id-Direttiva, u għal raġunijiet marbuta mas-suġġett tad-Direttiva kkonċernata, l-Istati Membri:

- (a) m'għandhomx jibqgħu joħorġu l-approvazzjoni tat-tip KE;
- (b) jistgħu jirrifjutaw li joħorġu approvazzjoni tat-tip nazzjonali

3. B'effett mill-1 ta' Lulju 2009, fir-rigward ta' vetturi li m'humiex konformi mar-rekwiżiti stipulati rispettivament fid-Direttivi 74/151/KEE, 78/933/KEE, u 77/311/KEE u 89/173/KEE kif emendati b'din id-Direttiva, u għal raġunijiet marbuta mas-suġġett tad-Direttiva kkonċernata, l-Istati Membri:

- (a) għandhom iqisu ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/37/KE bħala mhhux aktar validi għall-iskopijiet ta' l-artikolu 7(1)
- (b) jistgħu jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' daww il-vetturi ġodda.

ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 78/933/KEE	Din id-Direttiva
Artikoli 1 sa 5	Artikoli 1 sa 5
Artikolu 6	—
Artikolu 7(1)	—
Artikolu 7(2)	Artikolu 6
—	Artikolu 7
—	Artikolu 8
Artikolu 8	Artikolu 9
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
—	Anness III
—	Anness IV